**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 67**
**It-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MCAST – SERVIZZ TA’ LSE**

**3707. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka liema fakultajiet jew ċentri tal-MCAST jużaw is-servizz ta' LSE?

07/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-servizzi tal-Inclusive Education Unit, inkluż dawk marbuta ma’ LSE huma disponibbli fl-istituti kollha tal-MCAST.

Seduta 67
06/12/2022

**ĊENTRU TAS-SAĦĦA MOSTA – SERVIZZ TA’ TTESTJAR TAL-GĦAJNEJN**

**3708. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta se jerġa’ jibda s-servizz tal-ittestjar tal-għajnejn fiċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta u sussegwentement ikun ordnat in-nuċċali tal-vista b’xejn, peress li jirriżulta li dan is-servizz ilu li twaqqaf mill-1 ta’ Novembru tas-sena l-oħra u kull min jirrikjedi dan is-servizz qiegħed minflok jintbagħat iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana, b’mod li qed ikun ta’ inkonvenjent? Jista’ jgħid għala dan is-servizz mhux qed ikun ipprovdut?

07/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt li l-professjonist li kien jipprovdi dan is-servizz irtira, ħar[et sejħa biex jiġi ingaġġat Optomitrist ġdid. Din is-sejħa għalqet fl-4 ta’ Novembru u bħalissa għaddej il-proċess tal-interviews.

Seduta 67
06/12/2022

**SPTAR BOFFA – NURSES MA’ PAZJENTI**

**3709. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm nurses ma’ kull pazjent fl-Isptar Boffa? Jista' jgħid x'investiment se jsir fl-Isptar Boffa biex jiġi żgurat l-aqwa servizz?

07/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-Isptar Boffa hemm Staff Complement komplet. Biex jiġi żgurat l-aqwa servizz hemm 4 żoni partikolari li ser isirlhom intervent li jinkludi fost oħrajn rinovar tas-swali.

Seduta 67
06/12/2022

**TESTIJIET TAD-DEMM**

**3917. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru testijiet tad-demm fl-Isptar Mater Dei minn Jannar 2021 sakemm titwieġeb din il-mistoqsija?

14/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella hawn taħt.

| Year period | Test Totals |
|---|---|
| 01/01/2021 – 31/12/2021 | 12,681,538 tests |
| 01/01/2022 – 31/10/2022 | 10,792,364 tests |

Seduta 67
06/12/2022

**SKEMA TAL-FIRST-TIME BUYERS – ŻIEDA FIL-PREZZIJIET TAL-PROPRJETÀ**

**3918. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-iskema tal-first-time buyers hijiex se żżid il-prezz fil-proprjetà skont kif indikat il-Kamra tal-Kummerċ?

14/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-għotja lil dawk il-persuni kollha illi xtraw proprjetà għall-ewwel darba mill-1 ta' Jannar 2022 'il quddiem hija intiża sabiex tagħti għajnuna kruċjali liż-żgħażagħ li jkunu għadhom kemm xtraw l-ewwel residenza tagħhom. Il-kundizzjonijiet tal-għotja jinkludu li r-residenza tkun inxtrat permezz ta' loan u li l-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx il-€500,000. L-għotja tibqa' tingħata għal perjodu ta' 10 snin jew sakemm jingħalaq il-loan account.

Seduta 67
06/12/2022

**KUNTRATTI TAL-PLOTS TAĦT IL-HOME OWNERSHIP SCHEME**

**3919. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid meta se jsiru l-kuntratti tal-plots li ngħataw taħt il-Home Ownership Scheme, Issue tal-1987, hekk kif jidher li ċerti plots għadhom mhux esproprjati? Jista' l-Ministru jgħidilna xi tkun il-pożizzjoni tal-eredi ta' koppja li jiġu nieqsa mingħajr dan il-kuntratt fis-seħħ?

14/11/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nitlob l-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema plots qiegħed jirreferi.

Seduta 67
06/12/2022

**ĦRUĠ TA' SCHENGEN C VISAS**

**4112. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2536 u jgħid kemm inħarġu Schengen C Visas kull xahar matul is-sena 2020 u matul is-sena 2021? Minn liema pajjiżi kienu l-applikanti? Kemm kien hemm applikazzjonijiet li ġew irrifjutati? Kemm kien in-numru ta' persuni li waslu f'Malta mingħajr visa u ma tħallewx jidħlu Malta u ntbagħtu lura mill-port u mill-ajruport?

17/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-għadd ta' persuni minn pajjiżi terzi li ntbagħtu lura mal-wasla tagħhom Malta għax ma kellhomx visa, jew permess ta' residenza huwa ta' ħmistax fis-sena 2020 u erbgħa u sittin fis-sena 2021, kif indikati xahar b'xahar fit-tabella riprodotta hawn taħt. Fir-rigward tal-ammonti ta' Schengen Visas maħruġa għandha tkun riferuta lill-Ministru kkonċernat.

| 2020 | 2021 | | |
|---|---|---|---|
| **Xahar** | **Ammont** | **Xahar** | **Ammont** |
| Jannar | 4 | Jannar | - |
| Frar | 1 | Frar | 1 |
| Marzu | 5 | Marzu | 1 |
| April | - | April | 1 |
| Mejju | - | Mejju | 3 |
| Ġunju | - | Ġunju | 9 |
| Lulju | - | Lulju | 4 |
| Awwissu | 4 | Awwissu | 4 |
| Settembru | 1 | Settembru | 15 |
| Ottubru | - | Ottubru | 14 |
| Novembru | - | Novembru | 10 |
| Diċembru | - | Diċembru | 2 |
| TOTAL | **15** | | **64** |

Seduta 67
06/12/2022

**ĦRUĠ TA' D VISAS**

**4113. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari numru 2537 u jgħid kemm inħarġu D Visas kull xahar matul is-sena 2020 u matul is-sena 2021? Minn liema pajjiżi kienu l-applikanti? Kemm kien hemm minn dawn l-applikazzjonijiet li ġew irrifjutati?

17/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**IN-NADUR GĦAWDEX – DAĦLET QORROT – XOGĦLIJIET**

**4114. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-parti tat-triq ta' ħdejn il-bajja ta' Daħlet Qorrot, in-Nadur, jiġifieri l-parti minn fejn tispiċċa t-triq bil-konkos li saret xi żmien ilu sa ħdejn il-bajja, baqgħet ma saritx u qiegħda fi stat ħażin ħafna? Jista' jgħid meta ser issir u fiex ser ikun jikkonsisti x-xogħol li ser isir?

17/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jaf sew li l-Ministeru għal Għawdex diġà għamel investiment qawwi f'din it-triq għall-kuntrarju ta' Amministrazzjoni Nazzjonalista li ħallieha tikkrolla.

Seduta 67
06/12/2022

**GĦAWDEX– OSSERVATORJU ASTRONOMIKU FIL-QORTIN**

**4115. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16889 li ngħatat fit-2 ta' Novembru 2019, għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21026 li ngħatat fl-1 ta' Ġunju 2021, u għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 22338 li ngħatat fid-19 ta' Ottubru 2021, jista' l-Ministru jaġġorna lill-Kamra dwar l-aħħar żviluppi u x-xogħol fuq Osservatorju Astronomiku fil-Qortin? Jista' jgħid jekk l-istruttura tal-Osservatorju tlestietx u jekk iva meta tlestiet u fejn tinsab? Jista' jgħid jekk din l-istruttura tpoġġietx fuq il-bejt tal-kmamar eżistenti li hemm fil-Qortin t'Isopu u jekk le x'inhi r-raġuni li għadha ma tpoġġietx?

17/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li waqt li l-fornitur tal-apparat kien qed jagħmel l-aħħar ittestjar fuq l-apparat, ġie nnotat difett fl-imaging train tat-telescope u għalhekk kellu jittardja l-konsenja ta' dan l-apparat lejn Malta.

Seduta 67
06/12/2022

**GĦAWDEX – ITS – KORSIJIET OFFRUTI**

**4116. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid matul is-sena skolastika 2022/2023 kemm huma l-korsijiet offruti fl-Istitut għat-Turiżmu tal-Qala Għawdex? Liema huma dawn il-korsijiet? Kemm bdew studenti għal kull kors u kemm hu n-numru ta' studenti f'kull kors fil-preżent? Jista' jgħid kemm hemm impjegati full-time u part-time fl-istess Istitut u x'inhu x-xogħol ta' dawn l-impjegati? Kemm kienet l-ispiża rikorrenti totali ta' dan l-Istitut għas-snin 2021 u 2022 u kemm kienet l-ispiża kapitali fl-istess snin?

17/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din is-sena akkademika qegħdin jiġu offruti 4 korsijiet fl-Istitut għat-Turiżmu ġewwa Għawdex:

| Kors | Studenti ġodda | Total studenti |
|---|---|---|
| Foundation | 7 | 7 |
| Certificate – Food Production & Service | 6 | 6 |
| Diploma – Climate Friendly Travel | 55 | 55 |
| Bachelor Degree – Diving Safety Management | 5 | 20 |

Bħalissa fl-Istitut hemm 8 impjegati full-time u 3 part-time bejn ħaddiema amministrattivi, staff akkademiku u staff anċillari.
L-ispiża rikorrenti għas-sena 2021 kienet ta' €225,000 u dik kapitali ta' €14,465. Is-sena finanzjarja 2022 għadha mhux magħluqa.

Seduta 67
06/12/2022

**GĦAWDEX – SAFETY AUDITS FUQ TOROQ ĠODDA**

**4117. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid mit-8 ta' Marzu 2013 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm saru safety audits tal-proġetti ta' toroq ġodda li saru mill-Ministeru għal Għawdex? Għal liema toroq saru dawn l-audits? X'kien ir-riżultat ta' dawn l-audits? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn is-safety audits?

17/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin bir-Road Safety Audit ta' Triq l-Mġarr u Triq Sant Antnin.

Seduta 67
06/12/2022

**GĦAWDEX - MIŻURI TA' SIGURTÀ FIT-TOROQ**

**4118. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qegħdin jiġu kkunsidrati għal aktar sigurtà fit-toroq ġewwa l-gżira ta' Għawdex?

17/11/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se nibqgħu nagħmlu aktar toroq u xogħlijiet infrastrutturali li ħaddieħor qabel l-2013 ħalla jikkrollaw waħda wara l-oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**SAN ĠILJAN U TAS-SLIEMA – STABBILIMENTI B'PERMESS GĦAL AMPLIFIED MUSIC FUQ BARRA**

**4126. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3839, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti lista sħiħa ta' stabbilmenti tad-divertiment u/jew oħrajn li għandhom permess li jkollhom amplified music fuq barra l-istabbilmenti tagħhom ġewwa San Giljan u Tas-Sliema?

17/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jindirizza din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**SAN ĠILJAN – XATT IS-SAJJIEDA – XOGĦLIJIET TA' RIĠENERAZZJONI**

**4127. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni fuq Xatt is-Sajjieda – minn wara l-love monument 'il quddiem, it-taraġ ta' San Ġuzepp u parti minn Triq Spinola quddiem Palazzo Spinola?

17/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rigward ta':
· ir-restawr tal-Fisherman's Shed ġewwa Xatt is-Sajjieda u l-Bajja ta' Spinola, għadu kif ġie finalizzat l-evalwazzjoni tat-tender u bħalissa jinsab waqt l-appeals period tal-procurement;
· ix-xogħlijiet mill-monument tal-Love 'l quddiem – inkluż it-taraġ ta' San Ġużepp – bħalissa hemm applikazzjoni quddiem il-Planning Authority li qed tiġi evalwata;
· ix-xogħlijiet fil-pjazza ta' quddiem Palazzo Spinola – qed jiġi diskuss u evalwat l-aħjar mod kif għandu jitwettaq dan il-proġett b'koordinament ma' Infrastructure Malta.

Seduta 67
06/12/2022

**REWS – ĦADDIEMA PROFESSJONISTI**

**4158. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm professjonisti fi ħdan ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS)? F'kull każ, x'inhi l-professjoni tagħhom u f'liema qasam regolatorju jaħdmu?

18/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) in-numru ta' professjonisti huwa ta' ħamsa u għoxrin. Dawn jikkontribwixxu għax-xogħol tar-Regolatur skont il-professjoni u l-kwalifiċi akkademiċi li għandhom, jiġifieri x-xjenza, l-inġinerija, l-ekonomija, it-teknoloġija tal-informatika, il-liġi u l-accountancy.

Seduta 67
06/12/2022

**MARSAXLOKK – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4302. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità ta' Marsaxlokk? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Marsaxlokk, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' erbgħa u disgħin (94) li minnhom ħamsa u tletin (35) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti kien ta' sitta. L-investigazzjonijiet għal kull rapport ieħor qed ikomplu.

Seduta 67
06/12/2022

**FGURA – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4303. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każjiet ta' serq fil-lokalità tal-Fgura? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Fgura mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' mitejn u erbgħa u għoxrin (224) li minnhom disgħa u ħamsin (59) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' tnejn u sebgħin. L-investigazzjonijiet għal kull rapport ieħor qed ikomplu.

Seduta 67
06/12/2022

**ĦAL TARXIEN – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4304. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità ta' Ħal Tarxien? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Ħal Tarxien, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' mija u sebgħa u erbgħin (147) li minnhom sebgħa u tletin (37) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' sitta u erbgħin każ. L-investigazzjonijiet għall-kull rapport ieħor qed ikomplu.

Seduta 67
06/12/2022

**SANTA LUĊIJA – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4305. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità ta' Santa Luċija (Malta)? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapporti ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Santa Luċija, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' wieħed u erbgħin (41) li minnhom tnax (12) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' disgħa. L-investigazzjonijiet għal kull rapport ieħor qed ikomplu.

Seduta 67
06/12/2022

**RAĦAL ĠDID – KAŻIJIET TA' SERQ**

**4306. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati delitti sa issa u kemm minnhom kienu każijiet ta' serq fil-lokalità ta' Raħal Ġdid? Jista' jgħid fuq kemm-il każ ittieħdu passi?

22/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' rapport ta' reati (crime reports) li ġew irreġistrati fis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, għal Raħal Ġdid, mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Ottubru 2022, kien ta' tliet mija u sittin (360) li minnhom mija u sbatax (117) kienu każijiet ta' serq. Minn tagħrif miġbur, sal-lum in-numru ta' każijiet minn dan il-perjodu fejn suspettati tressqu l-Qorti, kien ta' sebgħa u tmenin. L-investigazzjonijiet għal kull rapport ieħor qed ikomplu.

Seduta 67
06/12/2022

**DESIGN ADVISORY COMMITTEE – GUIDELINES**

**4307. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3843 dwar id-Design Advisory Committee, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-guidelines li jimxi fuqhom dan il-Kumitat? Jista' jpoġġi kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi d-DAC li għandu funzjoni li jagħti 'pariri' (advisory), apparti minn kunsiderazzjonijiet estetiċi, jaħdem fil-qafas tar-regolamenti tal-Ippjanar, bħad-"Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015". Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Infakkar li t-tali tagħrif huwa wieħed pubbliku u jista' wkoll jiġi aċċessat mis-sit tal-istess Awtorità.

Seduta 67
06/12/2022

**BAJJA TAL-BALLUTA - ENCROACHMENT**

**4308. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3845, jista' l-Ministru jgħid x'kienu r-raġunijiet biex it-talba biex il-Bajja tal-Balluta jkun hemm encroachment fuqha tkun irrifjutata, meta ngħataw diversi encroachments fuq bajjiet pubbliċi, anke fl-istess lokalità?

22/11/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-applikazzjoni ma kinitx għall-encroachment iżda għal kirja lill-għaqda volontarja, liema talba kienet tinkludi ż-żona kollha tax-xatt u anke l-baħar. L-applikazzjoni ġiet irrifjutata għar-raġuni illi kemm ix-xatt u kif ukoll il-baħar ma jingħatawx b'kirjiet lill-għaqdiet volontarji.

Seduta 67
06/12/2022

**STABBILIMENTI KUMMERĊJALI MINGĦAJR KUNTRATTI GĦAL ĠBIR TAL-ISKART**

**4309. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3846, tista' l-Ministru tgħid jekk instabux stabbilimenti kummerċjali mingħajr kuntratti privati tal-ġbir tal-iskart kif mitlub mil-liġi?

22/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**SAN ĠILJAN – PROMENADE - MANUTENZJONI**

**4310. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3848, li oriġinarjament saret lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar u li issa ġiet riferuta lilu, u ċjoè: Fid-dawl ta' numru ta' ħsarat li hemm fil-promenade minn San Ġiljan sal-Gżira, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjan ta' manutenzjoni?

22/11/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 1545, 3006 u 4127, ninfurmah li l-Fondazzjoni ta' Żvilupp għaż-Żoni Turistiċi taħdem flimkien mal-Kunsilli Lokali sabiex issebbaħ l-ambjent tal-promenades fosthom railings, bankijiet, planters u tisbiħ inġenerali.

Seduta 67
06/12/2022

**L.S. 623.06 – REGOLAMENT NRU 26 – DIKJARAZZJONIJIET DWAR XOGĦOL**

**4443. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi dikjarazzjonijiet li x-xogħol ma kienx ser jaffettwa terzi hekk kif definit taħt ir-regolament numru 26 tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif emendat) peress li fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet parlamentari numru 797 u 786 din l-informazzjoni ma ngħatatx?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-Mistoqsija Parlamentari 4444.

Seduta 67
06/12/2022

**L.S. 623.06 – REGOLAMENT NRU 4 – DIKJARAZZJONI DWAR XOGĦOL**

**4444. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi dikjarazzjonijiet li x-xogħol ma kienx jaqa' taħt l-iskop tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif emendat) hekk kif definit taħt ir-regolament numru 4 tal-istess Avviż Legali peress li fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet parlamentari numru 797 u 786 din l-informazzjoni ma ngħatatx?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-data mitluba bdiet tinġabar statistikament minn April 2022. It-tabella t'hawn taħt turi kemm ġew sottomessi dikjarazzjonijiet li x-xogħol ma kienx jaqa' taħt l-iskop tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif emendat) hekk kif definit taħt ir-regolament numru 4 tal-istess Avviż Legali.

| Xahar | Numru ta' applikazzjonijiet |
|---|---|
| April / Mejju 2022 | 165 applikazzjonijiet |
| Ġunju 2022 | 160 applikazzjonijiet |
| Lulju 2022 | 88 applikazzjonijiet |
| Awwissu 2022 | 49 applikazzjonijiet |
| Settembru 2022 | 71 applikazzjonijiet |
| Ottubru 2022 | 63 applikazzjonijiet |
| Novembru 2022 (sal-illum) | 36 applikazzjonijiet |

Seduta 67
06/12/2022

**L.S. 623.06 – REGOLAMENT NRU 4 – DIKJARAZZJONI DWAR XOGĦOL**

**4445. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi dikjarazzjonijiet li x-xogħol ma kienx jaqa' taħt l-iskop tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif emendat) hekk kif definit taħt ir-regolament numru 4 tal-istess Avviż Legali peress li fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet parlamentari numru 796 u 786 din l-informazzjoni ma ngħatatx?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 4444 imressqa dwar l-istess tagħrif.

Seduta 67
06/12/2022

**L.S. 623.06 – DIKJARAZZJONI DWAR XOGĦOL**

**4446. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sottomessi dikjarazzjonijiet li x-xogħol ma kienx jaqa' taħt l-iskop tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif emendat), xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari peress li fir-risposti tiegħu għall-mistoqsijiet parlamentari numru 795 u 786 din l-informazzjoni ma ngħatatx?

24/11/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 4444 imressqa dwar l-istess tagħrif.

Seduta 67
06/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – TAL-PAPA – DAWL TAT-TRIQ**

**4453. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi r-raġuni li residenti ta' Birżebbuġa li joqogħdu fl-area Tal-Papa li tinkludi Triq is-Sebħ, Triq il-Gandoffla, Triq tal-Papa, Triq il Gawwi u Triq iċ-Ċief, kif ukoll Triq Alessandru, Misraħ Hamilkar Barka, Triq San Filippu u Triq it-Tħabrik ilhom bid-dawl tat-triq maqtugħ għal dawn l-aħħar tlett ijiem? Meta se jsiru t-tiswijiet neċessarji biex jinqata' l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti ta' dawn it-toroq?

25/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 4511.

Seduta 67
06/12/2022

**BIRŻEBBUĠA – TAL-PAPA – DAWL TAT-TRIQ**

**4454. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li residenti ta' Birżebbuġa li joqogħdu fl-area tal-Papa li tinkludi Triq is-Sebħ, Triq il-Gandoffla, Triq Tal-Papa, Triq il-Gawwi u Triq iċ-Ċief, kif ukoll Triq Alessandru, Misraħ Hamilkar Barka, Triq San Filippu u Triq it-Tħabrik ilhom bid-dawl tat-triq maqtugħ għal dawn l-aħħar tlett ijiem? Meta se jsiru t-tiswijiet neċessarji biex jinqata' l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti ta' dawn it-toroq?

25/11/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li l-Kunsill Lokali mhux responsabbli mit-tiswijiet tal-provistà tad-dawl tat-toroq. Madankollu infurmat illi l-istess Kunsill Lokali baghat diversi komuniki lill-entità kkonċernata dwar dan sabiex tiġi rranġata l-problema inkwistjoni. Għalhekk, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex għal aktar informazzjoni jirreferi għall-Ministeru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**BARKLORI - ĦLAS**

**4456. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta kien l-aħħar darba li l-barklori ġew imħallsin skont il-liġi u ċjoè Kapitlu 73 tal-Liġijiet ta' Malta?

25/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 4456 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**PULIZIJA – RAPPORTI TA' KSUR TA' PROTECTION ORDERS MINN VITTMI TA' VJOLENZA DOMESTIKA**

**4531. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti ta' ksur ta' protection orders minn vittmi ta' vjolenza domestika minn Jannar sa Ottubru 2022? X'tip ta' azzjoni ttieħdet f'kull każ? Kemm minn dawn ġew irrapportati iktar minn darba?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn Jannar u l-aħħar ta' Ottubru ta' din is-sena daħlu sbatax-il rapport ta' ksur ta' protection orders, minn vittmi ta' vjolenza domestika. F'kull każ ittieħdu passi kontra l-persuni responsabbli fil-Qorti, li kienu sittax-il persuna maskili u persuna femminili. F'żewġ każijiet, il-każ ġie deċiż waqt li fl-oħrajn il-każ għadu sub judice. Fl-ebda waħda minn dawn l-istanzi ma kien hemm każi fejn ġew irrapportati iktar minn darba.

Seduta 67
06/12/2022

**QRATI – ĦRUĠ TA' PROTECTION ORDERS**

**4532. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu protection orders mill-Qorti fuq vittmi ta' vjolenza domestika minn Jannar 2022 sa Ottubru 2022?

28/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 4473.

Seduta 67
06/12/2022

**QRATI – ĦRUĠ TA' PROTECTION ORDERS**

**4533. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Mill-Protection Orders li ħarġu mill-Qorti biex jipproteġu vittmi tal-vjolenza domestika minn Jannar sa Ottubru 2022, jista' l-Ministru jgħid kemm minnhom ġew vjolentati? X'tip ta' sanzjonijiet ġew imposti meta dawn il-protection orders ġew vjolentati?

28/11/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. interpellanta tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 4531.

Seduta 67
06/12/2022

**EUROPEAN INSTITUTE OF GENDER EQUALITY –- INFORMAZZJONI TA' DATA DWAR IL-VJOLENZA DOMESTIKA**

**4534. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li ma ngħatat l-ebda informazzjoni ta' data fuq il-vjolenza domestika f'Malta li tinġabar mill-European Institute of Gender Equality, hekk kif ġie rapportat fl-aħħar indiċi li ġew ippubblikati mill-istess Istitut f'Ottubru 2022?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li din il-materja taqa' taħt il-Ministeru responsabbli għall-ġbir ta' l-Istatistika u jkun għaqli li tressaq din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4547. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO further strongly encourages the Maltese authorities to collect disaggregated data on:
a. the number of protection orders issued in the context of civil proceedings;
b. the number of temporary protection orders issued, their violations and the sanctions imposed as a result of such violations in cases of violence against women;
c. the number of protection orders issued in the context of criminal proceedings, including the number of violations and sanctions imposed as a result of such breaches and the number of cases where the woman was re-victimised or murdered because of such breaches;
d. data on the number of decisions on custody/visitation/residence of children that have expressly taken into account reports of domestic violence;
e. whether victims of all forms of violence use the remedies available to address the authorities' failure to diligently prevent, investigate and punish acts of violence covered by the scope of the Istanbul Convention;

f. the number of cases in which women victims of violence have claimed and have obtained compensation either from the perpetrator or the state for offences covered by the Istanbul Convention; and
g. access to social services and to health care with respect to other forms of violence against women under the convention, other than domestic violence.",
jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika u l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru ssegwi l-andament ta' rapport imsemmi, liema rapport hu implimentat jew qed jiġi implimentat fl-intier tiegħu minn diversi entitajiet ta' Ministeri differenti. F'dan il-għan infurmat illi dan il-Ministeru jkollu disponibbli dawk li huma ta' materja penali. Dawn huma:

| Sena | Ordnijiet ta' Protezzjoni (Sezzjoni Kriminali) | Ordnijiet ta' Protezzjoni Temporanja (Sezzjoni Kriminali) |
|---|---|---|
| 2020 | 131 | 50 |
| 2021 | 103 | 32 |
| 2022 | 102 sal-aħħar ta' Settembru | 40 sal-aħħar ta' Settembru |

Infurmat ukoll illi fir-rigward tal-punti l-oħra l-vittmi huma indirizzati mill-istess entitajiet governattivi illi jaħdmu fis-settur. Infurmat ukoll li data oħra tinġabar mill-awtoritajiet tas-Saħħa.

It-tweġibiet fuq imsemmija qed jingħataw skont l-informazzjoni li ssegwi il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika u l-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru.
Mistoqsijiet ulterjuri għandhom jiġu mistoqsija lill-Ministri kkonċernati.

Seduta 67
06/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4548. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO urges the Maltese authorities to equip the police with the knowledge and powers to respond promptly and appropriately to all forms of violence against women covered by the Istanbul Convention. In particular, the Maltese authorities should:
a. step up initial and in-service training on all forms of violence against women for all police officers who directly or indirectly receive/investigate such offences. Training should in particular: - address all forms of violence against women covered by the Istanbul Convention; - address the concept of power and control and the need to adequately record patterns of abuse in the context of domestic violence; - instruct on how and where to receive reports and interview the victims in a manner that prevents secondary victimisation; - sensitise and prepare police officers to deal with reports from women who are in a particularly vulnerable situation such as women with disabilities and women in prostitution;
b. provide guidelines/protocols specifying how to proceed in cases of domestic violence, including cases of psychological violence and other forms of violence against women. Such protocols/guidelines should in particular address how to build a case fit for prosecution and cover, *inter alia*, how to comprehensively collect all relevant evidence in addition to the victim's statement or, in cases of rape, in addition to the forensic evidence lifted from the victim.",
jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-aħħar xhur fil-Korp tal-Pulizija twaqqfet it-Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika, fejn rapporti relatati ma' vjolenza domestika qed jiġu proċessati minn din is-sezzjoni speċjalizzata, komposta minn uffiċċjali mħarrġa għal dan il-għan. Din it-taqsima titmexxa b'koordinament ma' aġenziji oħra, li b'diversi modi jagħtu servizzi tagħhom, lill-vittmi u lill-familjari ta' dawn l-abbużi. Infurmat illi biex dan jiġi aċċertat u msaħħaħ, hemm linji gwida (SOPs) li jinħarġu lill-Pulizija regolarment.

Infurmat wkoll li l-Korp tal-Pulizija joffri taħriġ lill-membri tiegħu dwar kif jitrattaw vjolenza domestika. Dan it-taħriġ jingħata matul il-kors ta' reklutaġġ tal-pulizija, dan barra taħriġ speċifiku għall-membri oħra tal-Pulizija f'kull rank, li jkunu diġà ġew stazzjonati fid-Distretti u xi Sezzjonijiet oħra tal-Korp jew dawk li jkunu qed jitħarrġu għal promozzjonijiet f'karigi għola, u dan anke fid-dawl tar-rakkomandazzjoni msemmija f'din il-mistoqsija. Din ir-rakkomandazzjoni ngħatat il-piż kollu mistħoqq, tant li mis-sena 2020 kompla jissaħħaħ it-tagħlim biex membri tal-Korp ikomplu jestendu l-għarfien tagħhom f'din il-materja, fejn ir-rispons diġà wera titjib konsiderevoli li wassal biex l-uffiċċjali jkunu aktar konxji min-neċessitajiet tal-vittmi ta' dawn ir-reati u s-support mistenni lejhom. Apparti dan kollu diġà beda l-ippjanar għall-aktar taħriġ fuq vjolenza kontra n-nisa u suġġetti relatati għas-sena 2023.

Dwar l-investigazzjonijiet, f'kull każ, l-uffiċċjali investigattivi mit-Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika, jmexxu l-investigazzjonijiet tagħhom bir-reqqa, anke bl-assistenza tat-taqsima forensika fejn il-każ ikun jitlob speċjalment f'każi ta' stupru. Fejn ikun hemm provi ammissibbli biżżejjed, jaraw li jittieħdu proċeduri fil-Qrati kontra l-awturi ta' dawn ir-reati. Dan barra xogħol ieħor ta' sostenn pro-attiv lejn il-vittmi, skont in-natura tar-rapport li jkunu qed jirregistraw. Kif ingħad drabi oħra, il-Pulizija hija kommessa li tagħmel minn kollox biex tnaqqas dawn il-każi kontra kull persuna vulnerabbli.

Fl-2022, il-Gender based and domestic violence unit attendew u pparteċipaw wkoll f'ħames sessjonijiet ta' taħriġ fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika li ġew organizzati mill-Kummissjoni matul is-sena. Is-suġġetti li ġew indirizzati jinkludu: il-forom differenti ta' vjolenza li jiġu indirizzati mill-Konvenzjoni t'Istanbul; il-kunċett ta' kontroll u poter; il-bżonn li jkun hemm rikordju ta' sensiliet t'abbuż fil-kuntest ta' vjolenza domestika u li l-professjonisti jkunu sensittivi għall-bżonnijiet ta' vittmi vulnerabbli. Parteċipanti f'dan it-taħriġ inkludew professjonisti mill-GBDVU, fi ħdan il-Pulizija ta' Malta, professjonisti mill-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali, mill-Ministeru għas-Saħħa, min-National School Support Services, mid-Dipartiment għall-Probation u Parole, mill-Aġenzija għall-Għajnuna Legali u minn entitajiet non-governattivi li jaħdmu fil-qasam tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika sabiex nippromovu kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati.

Fis-sena 2023, l-Kummisjoni tippjana li żżid u ssaħħaħ dan it-taħriġ multiagency abbażi tal-evalwazzjoni li ssir wara kull sessjoni ta' taħriġ.

Kopja tat-tabella ta' dan it-taħriġ qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 67
06/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4549. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO strongly encourages the Maltese authorities to set up a state-wide, round the-clock helpline dedicated to all forms of violence against women capable of providing counselling to victims, with due respect for the confidentiality and anonymity of all callers and operated by trained staff.", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li barra s-servizz offrut mill-Aġenzija Appoġġ, hekk kif tħabbar fil-Budget għas-sena 2023, is-servizz ser ikun ikkumplimentat mill-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità (Victim Support Agency) fejn se tkun qed twaqqaf il-linja ewlenija ewropea ta' sapport għall-vittmi tal-kriminalità – 116 006. Sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda aħjar, din il-linja se topera fuq l-istess pjattaforma tal-179 fejn t-talbiet ta' assistenża u sapport jkunu kkordinati aħjar permezz tal-kolloborazzjoni bejn il-professjonisti mħarrġa miż-żewġ entitajiet. Dan is-servizz se jkun offrut b'xejn u jingħata b'mod kunfidenzjali. Is-servizz jinkludi informazzjoni ġenerali ta' sapport, kif ukoll riferti għall-aktar informazzjoni dettaljata, sapport emozzjonali, gwida legali u servizzi oħra li l-aġenzija għall-vittmi tal-kriminalità toffri minn zmien għal żmien. Aktar informazzjoni tista' tingħata mill-Ministru responsabbli mill-Aġenzija Appoġġ.

Seduta 67
06/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4550. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO strongly encourages the Maltese authorities to introduce dedicated services for children who are victims or witnesses of all forms of violence against women, such as age-appropriate psychosocial counselling and experts trained in interviewing children, providing due regard to the best interests of the child.", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-materja ma taqax taħt id-dekasateru tal-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u għaldaqstant nitlob lill-Onor. Interpellant iressaq din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 67
06/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4551. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO urges the Maltese authorities to take a number of priority actions in the area of custody and visitation rights to ensure the safety of victims and their children and to break the cycle of power and abuse exercised by the perpetrator", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Kummissjoni tikkommetti li twassal seminar ta' taħriġ ta' ġurnata lill-membri tal-ġudikatura fl-2023. Dan is-seminar ser jindirizza d-drittijiet ta' kustodja u viżitazzjoni sabiex tiġi assigurata s-sigurtà tal-vittmi u t-tfal tagħhom u sabiex tkisser iċ-ċiklu ta' poter u abbuż li hu eżerċit mill-awtur tar-reat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser tkun qed tesplora mezzi sabiex tassigura l-analiżi sistematika tad-deċiżjonijiet fuq kustodja/viżitażżjoni/residenza f'każijiet fejn hemm suspett ta' vjolenza domestika, kif ukoll sabiex tiġi mtejba l-komunikazzjoni bejn il-qrati ċivili u kriminali. Dan għandu jassigura li rapporti ta' vjolenza domestika jiġu kkunsidrati meta jsiru deċiżjonijiet ta' kustodja mill-partitajiet relevanti. Dan ser isir fil-kuntest tat-tielet strateġija nazzjonali u l-pjan t'azzjoni fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika li ser jiġu mnedija s-sena d-dieħla.
Aktar informazzjoni tista' tiġi provduta mill-Ministri kkonċernati.

Seduta 67
06/12/2022

**GREVIO BASELINE EVALUATION REPORT MALTA 2020 - RAKKOMANDAZZJONI**

**4552. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li skont il-GREVIO Baseline Evaluation Report Malta 2020 "GREVIO strongly encourages the Maltese authorities to take appropriate measures to investigate, prosecute and punish acts of sexual harassment and to ensure the collection of data in order to assess the effectiveness of the response of the criminal justice system in this area, relying on proposals made in this report under Article 11.", jista' l-Ministru jgħid x'sar u x'qed isir mill-Gvern fuq din ir-rakkomandazzjoni?

28/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kull każ dwar fastidju sesswali li jiġi għal konjizzjoni tal-Pulizija jiġi investigat u l-persuni suspettati jitressqu l-Qorti f'livell distrettwali. Fejn minn investigazzjonijiet ta' dawn il-każi jirriżulta li jkun hemm involuti persuni vulnerabbli, minuri, jew persuni b'xi diżabilità jew indebolimenti fiżiku ieħor, uffiċjali mill-iskwadra ta' kontra l-vizzji li għandhom għarfien u esperjenzi investigattivi għolja fuq reati sesswali aktar serji, jiġu involuti wkoll. Dan biex ikun ggarantit l-aħjar rispons li jista' jingħata wara li tinġabar kull forma ta' evidenza. L-uffiċjali tal-pulizija jingħataw taħriġ dwar l-approċċ f'investigazzjonijiet ta' rapporti ta' fastidju sesswali u reati relatati li huma fost l-aktar sensittivi, biex

barra li jkunu kapaċi jiġbru evidenza ta' kull forma dwar l-allegat reat, ikunu konxji wkoll bil-mod kif jipproteġu lill-vittma li tkun esperjenzat trawma sinifikanti wara l-każ ta' fastidju sesswali li tkun għaddiet minnu. F'diversi każi minħabba l-kondizzjoni emozzjonali tal-vittma, il-Victim Support Unit li hija parti mill-Victim Support Agency, tiġi involuta wkoll u dan biex testendi l-assistenza professjonali minn uffiċjali tagħha lil dawn il-vittmi, fejn diversi drabi jkunu talbu l-għajnuna ta' dawn l-entitajiet, minn barra l-Korp. Barra minn dan, qed isiru arranġamenti biex data dwar fastidju sesswali tkun tista tinġabar elettronikament.

Seduta 67
06/12/2022

**TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA 109A**

**4585. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3004, peress li r-rotta 109A ma tgħaddix mill-akkwati bħal Tas-Salib, Binġemma u oħrajn, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jiżdiedu rotot li jgħaddu minn dawn l-akkwati aktar frekwenti, fejn bħalissa għandhom servizz ta' trasport pubbliku kull sagħtejn?

28/11/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Fil-preżent Transport Malta qiegħda ssegwi l-andament tar-rotot, partikolarment dak li għandu x'jaqsam ma' frekwenzi u "capacity" sabiex jiġu indirizzati xi nuqqasijiet li jista' jkun hemm.

Seduta 67
06/12/2022

**IMMIGRATION APPEALS BOARD – APPELLI FL-2019**

**4591. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu appelli quddiem l-Immigration Appeals Board fis-sena 2019? Kemm minn dawn l-appelli li ġew introdotti fl-2019, ġew deċiżi?

29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' appelli quddiem l-Immigration Appeals Board fis-sena 2019 kien ta' 2634 u ġew deċiżi 2508 każ.

Seduta 67
06/12/2022

**IMMIGRATION APPEALS BOARD – APPELLI FL-2020**

**4592. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu appelli quddiem l-Immigration Appeals Board fis-sena 2020? Kemm minn dawn l-appelli li ġew introdotti fis-sena 2020, ġew deċiżi?

29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' appelli quddiem l-Immigration Appeals Board fis-sena 2020 kien ta' 2408 u ġew deċiżi 2318 każ.

Seduta 67
06/12/2022

**IMMIGRATION APPEALS BOARD – APPELLI FL-2021**

**4593. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu appelli quddiem l-Immigration Appeals Board fis-sena 2021? Kemm minn dawn l-appelli li ġew introdotti fis-sena 2021, ġew deċiżi?
29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi n-numru ta' appelli quddiem l-Immigration Appeals Board fis-sena 2021 kien ta' 2209 u ġew deċiżi 1976 każ.

Seduta 67
06/12/2022

**IMMIGRATION APPEALS BOARD – APPELLI FL-2022**

**4594. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu appelli fis-sena 2022 quddiem l-Immigration Appeals Board? Kemm minn dawn l-appelli li ġew introdotti fis-sena 2022, ġew deċiżi?

29/11/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għal din il-Mistoqsija Parlamentari tingħata f'seduta oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**ĦAL FAR – ĦSEJJES IĠĠENERATI MIT-TRAKKA TAL-KAROZZI**

**4602. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Peress li l-Ministru fit-tweġiba tiegħu għall-mistoqsija parlamentari 2027 ma rrispondiex għall-mistoqsijiet fl-istess domanda, jista' l-Ministru jgħid jekk intbagħtitx kopja tal-istudji dwar il-ħsejjes li se jkunu qed jiġu ġġenerati mit-trakka tal-karozzi f'Ħal Far lill-Kunsilli Lokali ta' Birżebbuġa, taż-Żurrieq u ta' Ħal Safi? Jista' jagħti d-dati ta' meta saru l-laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawn il-kunsilli, x'kienu l-punti mqajma, kif dawn il-punti se jiġu indirizzati u jippreżenta dokumentazzjoni li turi dan? Jista' jqiegħed ir-rapport jew rapporti fuq il-Mejda tal-Kamra dwar il-ħsejjes li mistennija jiġu ġġenerati u kif dawn se jiġu mmitigati?

29/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2027.

Seduta 67
06/12/2022

**ĦAL FAR MODEL FLYING ASSOCIATION – ĊAQLIQ GĦALL-INĦAWI TA' WIED ŻNUBER**

**4603. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-wegħda li għamel il-Prim Ministru ftit qabel l-elezzjoni ġenerali li għaddiet, jista' l-Ministru jgħid jekk għadx hemm il-pjan li jsir iċ-ċaqliq tal-Ħal Far Model Flying Association minn fejn hi ppjanata li ssir it-trakka tal-karozzi għall-inħawi ta' Wied Żnuber?

29/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-pjan li jsir iċ-ċaqliq tal-Ħal Far Model Flying Association għadu fis-seħħ.

Seduta 67
06/12/2022

**ĦAL FAR - TRAKKA TAL-KAROZZI – IMMIGRANTI LI JINSABU F'ĊENTRI MIFTUĦA**

**4604. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Minħabba li fit-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 2032 u 2844 il-Ministru għamel referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2027 u din it-tweġiba ma tagħtix ir-risposta għall-

mistoqsijiet 2032 u 2844, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li immigranti li jinsabu fiċ-ċentri miftuħa, ċentri tar-refuġjati u ċentri oħrajn li jinsabu qrib u madwar is-sit fejn hemm il-ħsieb li tinbena t-trakka tal-karozzi f'Ħal Far, hux se jiġu rilokati u jekk iva, kemm minnhom u fejn?

29/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bil-proġett propost, l-akkomodazzjoni temporanja għal refuġjati f'Ħal Far mhux se tkun qed tintmiss.

Seduta 67
06/12/2022

**BEVERAGE CONTAINER REFUND SCHEME – RAPPORT JEW STUDJU DWAR IS-SISTEMA**

**4605. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra rapport jew studju li juri li huwa aktar feasible li s-sistema tal-Beverage Container Refund Scheme tkun f'idejn il-privat milli f'idejn il-Wasteserv?

29/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ġbir tal-iskart mhux ir-rwol ewlieni tal-WasteServ u allura qatt ma kien ikkontemplat li skema bħal tal-BCRS tkun immexxija mill-WasteServ.

*In oltre* tajjeb li l-Onor. Interpellant ikun konxju tal-" "Extended Producer Responsibility" " policy mifruxa fuq livell Ewropew, fejn ir-responsabbiltà tal-produttur tinfirex sa wara li l-prodott ikun ikkonsmat. F'numru ta' direttivi Ewropej dan il-kunċett huwa mandatorju.

Seduta 67
06/12/2022

**IMPJANTI TAL-WASTESERV – MATERJAL RIĊIKLABBLI**

**4606. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu stmat li se jonqos, f'tunnellati kull sena, il-materjal riċiklabbli fl-impjanti tal-Wasteserv meta s-sistema tal-Beverage Container Refund Scheme tkun qed topera normali?

29/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li peress li l-iskema għadha kif daħlet fis-seħħ għadu kmieni wisq biex ikun hemm numri preċiżi. Huwa mistenni li bl-introduzzjoni ta' din l-iskema r-rata ta' riċiklaġġ ta' kontenituri tax-xorb għandha tiżdied.

Seduta 67
06/12/2022

**WASTESERV – TNAQQIS FID-DĦUL KONSEGWENZA TAL-BEVERAGE CONTAINER REFUND SCHEME**

**4607. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Ibbażat fuq il-prezzijiet tal-lum, tista' l-Ministru tgħid kemm hu stmat li se jonqos id-dħul tal-Wasteserv kull sena meta s-sistema tal-Beverage Container Refund Scheme tkun qed topera normali?

29/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-Mistoqsija Parlamentari 4606.

Seduta 67
06/12/2022

**GĦAQDIET SPORTIVI REĠISTRATI MAL-KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORTS**

**4631. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4177 u 4377 u jagħti tagħrif dwar in-numru ta' għaqdiet sportivi li huma reġistrati mal-Kunsill Malti għall-Isports, lokalità b'lokalità? F'kull każ, f'liema dixxiplini sportivi huma attivi l-għaqdiet li huma reġistrati mal-Kunsill Malti għall-Isports?

30/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-Kunsill Malti għall-Isport ma baqax jiffunzjona mit-twaqqif ta' Sport Malta fl-2014. L-għaqdiet sportivi jammontaw għal 384 u l-attività sportiva kondotta minnhom qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li tali għaqdiet joperaw minn faċilitajiet sportivi vari u b'hekk ma jistgħux jiġu distinti lokalità b'lokalità.

Seduta 67
06/12/2022

**EŻAMIJIET JEW ASSESSMENTS GĦAL TFAL BI BŻONNIJIET SPEĊJALI**

**4632. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4408 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 3903 rigward eżamijiet jew assessments għal tfal bi bżonnijiet speċjali, jista' l-Ministru jgħid jekk il-karta livellata hux se tkun standardizzata għal kull student?

30/11/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3903.

Seduta 67
06/12/2022

**ANNIMALI MIĠBURA**

**4637. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi tip ta' medja li wieħed jista' jinnota ta' annimali li qed jiġu miġbura ta' kull xahar?

30/11/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**MFSA – KAP EŻEKUTTIV – KUNTRATT**

**4639. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-Eks Kap Eżekuttiv tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) għadu qed jitħallas eluf fix-xahar? Jista' jippubblika l-kuntratt li kellu l-Kap Eżekuttiv ta' din l-Awtorità, li ismu qed jintbagħat separatament?

30/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**MFSA – MINUTI TA' LAQGĦA TAL-BORD TAD-DIRETTURI**

**4640. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), li fiha ġew approvati l-pagamenti li l-Eks Kap Eżekuttiv tal-MFSA, li ismu qed jintbagħat separatament, għadu qed jingħata fix-xahar?

30/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**ANZJANI – DJAR RESIDENZJALI PRIVATI – KUNTRATTI**

**4641. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratti kollha relatati mal-ftehim eżistenti *vis-à-vis* il-kura tal-anzjani fi djar residenzjali privati li qed jingħataw sussidju mill-Gvern?

30/11/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern ma jagħti l-ebda sussidju lil djar residenzjali privati.

Seduta 67
06/12/2022

**MFSA – KUMPANIJI LIĊENZJATI – PROĊEDURI KRIMINALI**

**4642. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx persuni, u jekk iva kemm hemm, li huma shareholders, diretturi jew uffiċjali bi rwol eżekuttiv, ta' kumpanija liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), u li għaddejjin minn proċeduri kriminali kontrihom fil-qorti?

30/11/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**RENAL DIALYSIS LI MA SARUX MINĦABBA NUQQAS TA' STAFF**

**4649. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk minn Jannar tal-2021 'l hawn kienx hemm xi okkażjonijiet fejn pazjenti morda bil-kliewi ma setgħetx issirilhom renal dialysis minħabba nuqqas ta' staff?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellantilli kull minn kellu jew għandu bżonn ta' servizz ta' renal dialysis qiegħed jieħu l-kura kollha meħtieġa

Seduta 67
06/12/2022

**SPTAR – APPUNTAMENT GĦAL DIALYSIS**

**4650. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jispjega l-proċedura biex isir appuntament ġdid għad-dialysis f'każ li l-appuntament oriġinali jkun ikkanċellat min-naħa tal-isptar?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illif'każ li l-appuntament oriġinali jkun ikkanċellat il-pazjent jingħata appuntament jew dakinhar stess jew l-għada.

Seduta 67
06/12/2022

**APPUNTAMENTI GĦAD-DIALYSIS IKKANĊELLATI**

**4651. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk minn Jannar tal-2021 'l hawn kienx hemm xi istanzi fejn appuntamenti għad-dialysis ġew ikkanċellati meta l-pazjent kien diġà wasal l-isptar?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4649.

Seduta 67
06/12/2022

**APPUNTAMENTI GĦAD-DIALYSIS IKKANĊELLATI**

**4652. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kienu kkanċellati appuntamenti għad-dialysis minn Jannar tal-2021 sa issa, indikati skont is-sena?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4649.

Seduta 67
06/12/2022

**RENAL UNIT ĠDIDA**

**4653. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx sezzjoni ġdida ġewwa r-Renal Unit? Jekk iva, jista' jgħid jekk din is-sezzjoni hux qiegħda tintuża, u għal liema appuntamenti?

30/11/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illif'Ottubru li għadda, spazju addizzjonali biswit ir-Renal Unit oriġinali ġie trasformat f'estenzjoni ġdida li diġá qiegħda tintuża

Seduta 67
06/12/2022

**NAXXAR – SISTEMI TAD-DRENAĠĠ**

**4665. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 3299 u 4410 u t-tweġibiet għalihom, tista' l-Ministru tgħid jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) għandhiex informazzjoni ta' fejn hemm u fejn ma hemmx sistema tad-drenaġġ ikkomunikata mas-sistema prinċipali tad-drenaġġ u fejn hemm din is-sistema kkommunikata fin-Naxxar?

30/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għar-risposti li ngħataw għall-Mistoqsijiet Parlamentari 3299 u 4410 fejn intalbet tgħarraf lill-Kamra jekk taf b'xi nħawi fin-Naxxar li mhumiex imqabbdin mas-sistema tad-drenaġġ prinċipali.
Il-WSC tipprovdi dan is-servizz tad-drenaġġ skont il-Customer Charter, li qed inpoġġi kopja tiegħu fuq il-Mejda tal-Kamra u li jinstab ukoll fuq il-websajt, Sezzjoni 2.3 għal kull lokalità mingħajr eċċezzjoni.

Seduta 67
06/12/2022

**MELLIEĦA – SISTEMI TAD-DRENAĠĠ**

**4666. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-mistoqsijiet parlamentari 3298 u 4411 u t-tweġibiet għalihom, tista' l-Ministru tgħid jekk il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) għandhiex informazzjoni ta' fejn hemm u fejn ma hemmx sistema tad-drenaġġ ikkomunikata mas-sistema prinċipali tad-drenaġġ u fejn hemm din is-sistema kkommunikata fil-Mellieħa?

30/11/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li tajt għall-Mistoqsija Parlamentari 4665.

Seduta 67
06/12/2022

**SPECIAL OLYMPICS – GĦAJNUNA LIL SPORTIVI B'DIŻABILITÀ**

**4667. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4416 u ċjoè: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 3785 rigward għajnuna lil sportivi b'diżabilità, jista' l-Ministru jwieġeb it-tieni parti tal-mistoqsija u jagħti tagħrif dwar liema għajnuna speċifika, inkluż dik finanzjarja, tingħata lil dawk l-isportivi b'diżabilità (jew lill-ġenituri tagħhom) li jkunu qegħdin jippreparaw biex jieħdu sehem fil-Paralympics?

01/12/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 67
06/12/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – BYPASS – RAPPORTI TA' STORBJU**

**4668. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' storbju ġġenerat fil-bypass ta' San Pawl il-Baħar ġie rrapportat mill-1 ta' Jannar 2022 sad-data meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'kienet il-kawża ta' dawn ir-rapporti?

01/12/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi minn Jannar sal-aħħar ta’ Novembru ta’ din is-sena ma kienx hemm rapporti ta' storbju ġġenerat fil-bypass ta' San Pawl il-Baħar fis-sistema elettronika ta’ Pulizija.

Seduta 67
06/12/2022

**GĦAWDEX - MEALS ON WHEELS – KUNTRATT**

**4679. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt għas-servizz tal-Meals on Wheels f'Għawdex? Jista' jgħid kemm qiegħed iħallas flus għal dan il-kuntratt, kemm hemm anzjani jużaw dan is-servizz, kemm qiegħed iħallas il-Gvern għal kull ikla u kemm qegħdin iħallsu l-anzjani għal kull ikla?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont li qed iħallas il-Gvern għal kull ikla huwa ta’ €3.57 (VAT inkluż). Hemm bejn 80 – 100 anzjan li qegħdin jużaw dan is-servizz kuljum. L-anzjani qegħdin iħallsu €2.33 (VAT inkluż) għal kull ikla.

Seduta 67
06/12/2022

**MEALS ON WHEELS – PERFORMANCE AUDIT REPORT – MONITORAĠĠ TAS-SERVIZZ**

**4680. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ma jsirx monitoraġġ strutturat tas-servizz tal-Meals on Wheels skont kif ħareġ mill-Performance Audit Report tal-Awditur Ġenerali li ħareġ f'Novembru 2022? Jista' l-Ministru jgħid jekk jagħmilx monitoraġġ ta' dan is-servizz u jekk jagħmel, fiex jikkonsisti dan il-monitoraġġ?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li monitoraġġ ma kienx qiegħed isir regolari fiż-żmien tal-pandemija tal-Covid-19.

Il-monitoraġġ issa qiegħed isir b’mod iktar regolari.

Huwa faċli issa li għadda kollox li wieħed jikkritika kollox però l-verità hi li l-Ministeru għal Għawdex ħa deċiżjonijiet ikkalkulati u spediti sabiex jissalvagwardja l-ewwel u qabel kollox s-saħħa tal-Għawdxin. Dan fl-istess waqt li l-Oppożizzjoni moħħha kien biex tiżra d-dubju u tagħmel il-bsaten fir-roti.

Seduta 67
06/12/2022

**MEALS ON WHEELS – SATISFACTION SURVEY – RIŻULTAT**

**4681. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid xi rriżulta mis-satisfaction survey li sar f'Diċembru 2021 dwar is-servizz tal-Meals on Wheels fost il-klijenti li jirċievu dan is-servizz? Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultat ta' dan is-survey kif ukoll dak li sar f'April 2019?

01/12/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Annessi hawn ir-riżultari tas-satisfaction surveys li saru f’April 2019 u f’Diċembru 2021.

Seduta 67
06/12/2022

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL – SALA ST JOSEPH 2 – IMPJEGATI**

**4682. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm impjegati jaħdmu fis-Sala St Joseph 2 fir-Residenza San Vinċenz de Paul fil-ġurnata li seħħ l-allegat abbuż fuq anzjan fl-istess sala u li kien irrapportat fil-media? Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-grad ta' kull impjegat u kemm minnhom kienu impjegati mal-Gvern u kemm minnhom kienu tal-kuntrattur?

01/12/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 20 impjegati jaħdmu fis-Sala St Joseph 2 li 4 minnhom huma impjegati mal-Gvern u s-16 l-oħra huma impjegati mal-Kuntrattur. Il-Grad u l-ħinijiet li kienu fil-ward huma kif ġejjin:
1 Charge Nurse (7AM-4PM)
1 Nurse (7AM-7PM)
2 Nurse (7AM-1PM)
1 Nurse (1PM-7PM)
5 Carers (7AM-7PM)
1 Carer (7AM-5PM)
1 Carer (7AM-2.15PM)
1 Carer (1PM-6PM)
2 Carer (1PM-7PM)
1 Carer (7AM-12.30PM)
1 Carer (7AM-1PM)
1 Cleaner (7AM-12.30PM)
1 Cleaner (7AM-6PM)
1 Ward Clerk (7AM-3PM)

Seduta 67
06/12/2022

**DEMENTIA ACTIVITY CENTRES – SERVIZZ TAT-TRASPORT**

**4683. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk jiġix provdut trasport lill-persuni li jattendu d-Dementia Activity Centres li għandna f'Malta u f'Għawdex? Jekk le, jista' jgħid jekk għandux il-ħsieb li joffri dan is-servizz?

01/12/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-trasport huwa pprovdut fiċ-ċentru ta' Dar Padova, Għajnsielem, Għawdex. Għalissa qed tiġi evalwata d-domanda għat-trasport minn min juża ċ-ċentri tal-Imtarfa u ta' Ħal Safi.

Seduta 67
06/12/2022

**DJAR TAL-ANZJANI – SODOD VOJTA**

**4684. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx sodod vojta/mhux okkupati fid-Djar Residenzjali tal-Gvern? Jekk iva, jista' jgħid kemm hemm sodod vojta f'kull Dar tal-Anzjani?

01/12/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentaru numru 4140, li ngħatat rigward ir-Residenza San Vinċenz de Paul, ninformaha wkoll li sal-1 ta' Diċembru 2022 kellna 34 sodda vojta fid-djar residenzjali tal-Gvern. Wara s-sospensjoni tal-miżuri mill-union, dawn is-sodod se jimtlew kollha s'għada.

Seduta 67
06/12/2022

**GRUPP DWAR L-OPERAT TAL-FIAU**

**4703. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4050, jista' l-Ministru jgħid jekk ġiex appuntat grupp ta' esperti biex janalizza l-operat fil-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

01/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4049.

Seduta 67
06/12/2022

**GRUPP DWAR L-OPERAT TAL-FIAU – ESPERTI**

**4704. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4050, jista' l-Ministru jgħid min huma l-esperti li ġew magħżula għall-grupp li twaqqaf biex janalizza l-operat fil-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU)?

01/12/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 4049.

Seduta 67
06/12/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4708. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 67
06/12/2022

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4709. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma ngħata l-ebda benefiċċju, għotja jew xi tip ta' għajnuna oħra finanzjarja lill-kumpaniji jew persuni minnu msemmija separatament, mill-awtoritajiet kollha relattivi li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħi mill-2013 'il hawn.

Seduta 67
06/12/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4710. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

**Kunsill Malti għall-Arti**

| **Benefiċjarju** | **Skema** | **Titlu tal-Proġett** | **Ammont mogħti** |
|---|---|---|---|
| Jon Mallia | MAF Small Projects 2013 | Hip Hop is Yours | €4,775.65 |
| Oliver Mallia | MAF Large Projects 2014 | Valletta Film Festival | €20,000 |
| Pellikola Ltd | Kultura TV 2015 | Arti | €25,000 |
| Shadeena Films Ltd | Kultura TV 2015 | Dottoressa Whatever | €43,000 |
| Shadeena Films Ltd | MAF Small Projects 2015 | Invisible Sculpture – Un/seen Evergreen | €4,000 |
| Jon Mallia | CEF Travel Grants 2016 | Exporting Limestone Cowboy to the International Market | €1,790 |
| Jon Mallia | Project Support Grant 2016 | Erectile Dysfunction: The Stumbling rise of the human | €10,000 |
| Charlie Cauchi | Research Support Grant 2016 | Baggage (Re)claim | €5,000 |
| Take 2 Ltd | Kultura TV 2016 | Il-Mirakli ta' Ħal Saflieni | €61,500 |
| Jon Mallia | Professional Development Grant 2017 | EAVE Producers' workshop | €2,000 |
| Take 2 Ltd | Kultura TV 2017 | Ħallelin tal-baħar | €39,350 |
| Take 2 Ltd | Kultura TV 2018 | Merjen | €46,000 |
| Take 2 Ltd | CEF Travel Grant 2018 | Mipcom Market Attendance by Jon Mallia and Carlos Debattista | €2,000 |
| Charlie Cauchi | Project Support Grant 2018 | Returning to L36 | €17,000 |
| Take 2 Ltd | CEF Translation Grant 2018 | Miraklu TV Series Translation (Holy Mary!) | €4,850 |
| Charlie Cauchi | Research Support Grant 2018 | Vice Kings and Silver Rings | €4,400 |
| Take 2 Ltd | Kultura TV 2019 | Triq is-Sebgħa | €50,000 |
| Charlie Cauchi | Project Support Grant 2019 | Scheherazade | €20,000 |
| Pellikola Ltd | Professional Development Grant | Schoolism Live - Animation Workshop, Florence 29-30 March 2019 | €655 |
| Take 2 Ltd | Kultura TV 2020 | Ibgħathieli bil-posta | €40,000 |
| Jon Mallia | International Cultural Exchanges Scheme 2021 | Series Mania Exhibition and Pitching | €7,566 |
| Take 2 Ltd | International Cultural Exchanges Scheme 2021 | Triq is-Sebgħa | €7,000 |
| Take 2 Ltd | Kultura TV 2021 | Da Vinci's Dilemma | €30,000 |
| Take 2 Ltd | Project Support Scheme 2021 | CASTILLO | €12,000 |
| Charlie Cauchi | Programme Support Scheme 2021 | Untitled Malta Moving Image Project | €46,000 |
| Take 2 Ltd | Project Research and Development Scheme 2022 | Research and Development of Malta's first International Series Co-Production | €6,460 |
| Sajjetta Ltd | Kultura TV 2022 | Taurodont (working title) | €40,000 |

**Valletta Cultural Agency**

| Fornitur | Data tal-bidu | Data tat-tmiem | Ammont (€) minbarra l-VAT | Tip ta' Produzzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Take Two Productions Ltd | 01/03/2021 | 01/04/2021 | 7627.12 | Filming and Editing of a TV Production: Seba' Visti |
| Sajjetta Ltd. | 16/08/2020 | 16/08/2020 | 7627.1 | Valletta Pageant of the Seas. Lead Visual Artist. Creation and production of visual narrative and content into projections during Valletta Peageant of the Seas 2020 |
| Sajjetta Ltd. | 12/03/2022 | 22/03/2022 | 9,322 | Drago (Theatre Production). The creation and production of a bespoke set including costumes, props, set dressing and a multi speaker installation and a multichannel video system |
| Sajjetta Ltd. | 12/03/2022 | 22/03/2022 | 200 | Drago (Theatre Production). Purchasing of Rights: Rights of the use of Charlie Cauchi's own footage as well as other sounds rights required for the build of the soundscape for Drago |

**Festivals Malta**

| Fornitur | Sena | Tip ta' Servizz | Ammont |
|---|---|---|---|
| Take 2 | 2022 | Ingaġġati biex jagħtu servizz ta' animazzjoni fil-Karnival ta' Malta | €1,770 |

Seduta 67
06/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4711. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 67
06/12/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4712. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u/jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 67
06/12/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - BENEFIĊĊJI U GĦAJNUNA FINANZJARJA LI NGĦATAT GĦALL-PRODUZZJONI TA' FILMS LOKALI**

**4713. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jsemmi kull benefiċċju, għotja jew kull tip ta' għajnuna oħra finanzjarja jew taħt xi forma oħra, li ngħataw fil-produzzjoni tal-films lokali u jew produzzjonijiet oħrajn, jew kull tip ta' għajnuna oħra għal skop ieħor li għalihom applikaw il-persuni jew il-kumpaniji msemmija separatament, inkluż l-entitajiet u l-awtoritajiet kollha relattivi taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2013 'il hawn?

02/12/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 67
06/12/2022

**PROFESSJONISTI TAS-SAĦĦA - TAĦRIĠ**

**4732. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Ibbażat fuq l-Art. 26 tal-UNCRPD, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jiżgura li l-professjonisti tas-saħħa tagħna, ir-rewmatisti u n-newroloġisti qed ikomplu t-taħriġ u l-edukazzjoni tagħhom dwar il-Fibromyalgia u l-ME? Kemm qed jinvesti l-istat f'taħriġ kontinwu lill-professjonisti kollha fuq mard debilitanti bħal dan, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fil-komunità?

02/12/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill Ministeru kkonċernat

Seduta 67
06/12/2022